***- Pedestrian; Obbligi tal-istess utent tat-triq -***

***- Use of care as a reasonably prudent man would use in the circumstances -***

***- Qsim tat-triq minn wara karozza pparkjata -***

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF.**

**ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 21 ta' Gunju 2001**

**Kawza Numru. 1**
**Citaz. Numru. 1175/97/RCP.**

**Joseph u Miriam konjugi Gatt bhala kuraturi ta' binhom minuri Christopher**

**vs**

**Philip Caruana**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi l-konvenut fil-5 ta' Gunju, 1995, fi Triq Anthony Aquilina, f'Haz-Zebbug, waqt li kien qed isuq il-karrozza numru ta' registrazzjoni U-2911, laqat lil Christopher Gatt, iben l-atturi skond ma jirrizulta mir-*road accident report* Dok.A; u

Illi bhala rizultat ta' l-imsemmi incident l-istess Christopher Gatt, ta' l-eta` ta' sitt snin fi zmien l-incident, u li llum ghadu minorenni, sofra lezjonjiet personali u dizabilita' kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u skond ic-certifikat mediku mahrug mill-kirurgu Joseph E. Briffa; u

Illi dana l-incident gara minhabba negligenza, imperizja, u nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tas-sewqan da parti tal-istess konvenut;

L-istess atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex m’ghandux jigi minn dina l-Qorti:

1. Dikjarat responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li fih safa mwegga Christopher Gatt;

2. Li jigu likwidati d-danni personali u d-debilita` li sofra I-istess Christopher Gatt bhala konsegwenza ta' l-incident, u dana anke permezz ta' periti nominandi, jekk il-Qorti jidhrilha li hu l-kaz;

3. Li jigi kkundannat ihallas lill-atturi fil-kwalita` taghhom premessa d-danni hekk likwidati;

BI-ispejjez inkluzi dawk ta' I-ittra bonarja tat-13 ta' Mejju, 1996, u ta' I-ittra ufficjali tat-30 ta' Lulju, 1996, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et sequitur* tal-process;

Rat id-dokument esebit mac-citazzjoni attrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi, relattivament ghall-ewwel talba attrici, dina hija nfondata sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante li ghall-incident 'de quo' kien unikament responsabbli I-istess minuri Christopher Gatt stante n-nuqqas ta' prekawzjoni, imprudenza, imperizja u traskuragni da parti tieghu.

2. Illi, relattivament ghat-tieni talba attrici, isegwi li ghandha wkoll tigi michuda bl-ispejjes stante li ma hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfont tal-eccipjent.

3. Illi relattivament ghat-tielet talba attrici jsegwi li din wkoll ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante li ma hemmx danni li ghalihom l-eccipjent ghandu jigi kundannat li jaghmel fronti.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 13 *et sequitur* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tas-7 ta' Mejju 1998 u tas-7 ta' Ottubru 1998.

Rat in-nota tal-atturi li biha esebew certifikat mediku ta' Dr Joseph E Briffa.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Novembru 1998 fejn xehdu l-minuri Christopher Gatt u Brendan Micallef.

Rat in-nota ta' l-atturi li biha esebew minn Dok 'B' sa Dok 'F' (minn fol 35 sa fol 43 tal-process);

Rat il-verbali tas-seduti tas-16 ta' Marzu 1998 fejn xehdu l-Professur Joseph Briffa, Dr Javed Shah, s-Surgent 754 Mario Buttigieg u Antoinette Shah;  tat-8

ta’ Gunju 1999 fejn Dr E Caruana Demajo pprezentat l-affidavits ta’ Raymond Camilleri u Paul Micallef. Xehdu Miriam Gatt u Joseph Gatt. Dr Caruana Demajo ddikjarat li fuq il-punt ta’ responsabilita` m’ghandiex provi aktar.

Rat in-nota tal-atturi (fol 64 *et sequitur* tal-process) li biha ezebew kopja ta’ hames ricevuti fiskali mmarkati bhala Dok G, H, I, J u K.

Rat il-verbali tas-seduti tas-27 t’Ottubru 1999 fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Mediku, ssuggerit mill-partijiet, lil Mr Charles Grixti. Xehed Raymond Camilleri; tal-1 ta’ Dicembru 1999; tas-16 ta’ Frar 2000 fejn xehed Philip Caruana; tat-8 ta’ Marzu 2000 fejn il-konvenut ddikjara li m’ghandux provi aktar; tal-4 ta’ Mejju 2000; tal-15 ta’ Gunju 2000 fejn deher il-Perit Mediku li halef ir-rapport; tat-13 ta’ Lulju 2000; tad-9 ta’ Novembru 2000 fejn Dr Caruana Demajo ddikjarat li m’ghandiex xi tghid fuq ir-rapport mediku u lanqas Dr Bonnici. Dr Caruana Demajo talbet li jsir access mill-Qorti u tali talba ma gietx opposta. Giet iffissata data ghal tali access.

Rat il-verbal tal-access mizmum fis-7 ta’ Dicembru 2000.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Marzu 2001 fejn id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m’ghandhomx provi

aktar u talbu li jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' 40 jum ghall-prezentata ta' l-istess bil-visto/notifika tal-kontro-parti li jkollu 40 jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-21 ta' Gunju 2001.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) RESPONSABILITA` TAL-INCIDENT.

Illi l-ewwel punt li ghandu jigi deciz huwa dwar ir-responsabilita` tal-incident *de quo* stante li l-atturi qed jallegaw illi l-incident stradali li gara fil-5 ta' Gunju 1995 fi Triq Anthony Aquilina, f'Haz-Zebbug fejn iben l-atturi, Christopher Gatt, intlaqat mill-karozza Reg No U-2911 misjuqa mill-konvenut, gara minhabba negligenza w imperizia da parti tal-istess konvenut.

### (B) PROVI PRODOTTI DWAR IR-RESPONSABILITA`

Illi s-**Surgent 754 Mario Buttigieg** fl-okkorrenza li ghamel ta' l-incident li sehh nhar il-5 ta' Gunju 1995 kiteb illi: "*Illum ghal habta tal-10.30 p.m. Paul Mifsud ta' 35 yrs s/o Emanuel & Philipa nee Borg, born*

*Zebbug u joqghod 'Il-Girna', Anton Aquilina Street, Zebbug, irrapporta li ghal habta tat-8.30 p.m. sehh incident tat-traffiku go Triq Anthony Aquilina, Zebbug. Mifsud zied jghid li l-persuna li ntlaqtet ittiehdet l-isptar minghand ix-xufier"*.

Illi s-Surgent mar l-isptar u tkellem ma Dr Glorianne Briffa M.D. li nfurmatu dwar il-kundizzjoni tat-tifel. Huwa nizel ukoll li l-vettura garbet hsarat zghar fl-*indicator* tan-naha tax-xellug. Kompla hekk: "*Minn stharrig li ghamlet il-Pulizia ma Caruana huwa qal li hu kien qed isuq go Triq A Caruana meta f'daqqa wahda qasam tifel minn quddiem truck u laqtu*. *Il-Pulizija ma setghetx tkellem lill-minuri peress li dak il-hin kien qed jigi operat".*

L-istess Surgent nizzel f'data sussegwenti li "*il-Pulizija kellmet lil Gatt li kien jinstab rikoverat fejn qal li hu kien qed jilghab b'ajruplan. Gatt zied jghid li hu qasam it-triq biex jigbor l-ajruplan li kien qed jilghab, meta beda jimxi lura biex imur faccata u ghadda minn quddiem truck li kien ipparkjat u laqtitu vettura."*

Minn aktar stharrig li ghamlet il-Pulizija mal-kugin tieghu Brandon Micallef: *"Dak il-hin kien qed jilghab ma Gatt u zied jghid li meta Christopher kien qed itajjar ajruplan qasam ghan-naha l-ohra tat-triq biex jigbor l-ajruplan. Christopher qasam minn quddiem id-dar li jisimha 'Girna' fejn giet vettura min-naha*

*opposta u laqtet lill-kugin tieghu, Micallef zied jghid li Christopher mexa biss tlett passi l'boghod mit-truck li kien ipparkjat"*.

Xehed **Brandon Micallef** li kien qed jilghab ma Christopher Gatt dakinhar tal-incident bi *flying saucer*, u f'mument minnhom dan marlu fuq in-naha l-ohra tat-triq. Skond ix-xhud, kien hemm trakk in-naha l-ohra u Christopher nizel il-bankina, resaq lejn it-trakk ipparkjat biex jara fuq naha u l-ohra tat-triq jekk kienux ghaddejjin karozzi. Ix-xhud ra vann gej. Kif rah jaqbez it-trakk Brandon ghajjat biex kuginuh (Gatt) jieqaf halli ma jtajjrux. Fi kliemu stess '*malli ezatt ha jittawwal, tajru l-vann. Wieqaf jittawwal*'. Skond hu, l-konvenut kien ghaddej sparat.

In kontro-ezami qal illi t-trakk kien ipparkjat b'wiccu bil-quddiem minn fejn kien qed jaqsam kuginuh. Ix-xhud qal illi meta qallu biex jieqaf, kuginuh kien qed ihares min-naha l-ohra mhux minn fejn kien gej il-vann li dahal fuq kuginuh. Christopher Gatt kien lahaq hareg xi pied mit-trakk ipparkjat sakemm qala' d-daqqa, u kif hareg minn wara t-trakk ha d-daqqa mill-ewwel.

Xehed ukoll il-minuri **Christopher Gatt** li spjega li wara li gabar il-*flying saucer* huwa hares fuq il-lemin u fuq ix-xellug u ma ra xejn gej u beda jaqsam it-triq bil-mixi. Meta mar biex imur lura, kien hemm trakk

ipparkjat fuq in-naha tal-lemin tieghu u allura ma setax jara fuq dik in-naha. Huwa qal: '*Jien u sejjer biex naqsam it-triq, u peress li kien hemm dan it-trakk, jien harist minn wara t-trakk, rajt li ma kienux gejjin karozzi, bdejt nimxi, smajt hoss u laqtitni karozza*". Hu kien mexa xi metru distanza mit-trakk ipparkjat. Mal-impatt intilef minn sensieh u sab ruhu l-isptar. Qabel l-impatt hu ma sema' l-ebda *brake*, sema biss hoss ta' karozza. Ma sema' ebda hoss iehor. Il-karozza li giet fuqu ra l-ewwel darba xi 9 piedi 'l boghod minnu.

In kontro-ezami qal li n-naha l-ohra ta' l-istess bankina ma kienx hemm aktar karozzi li setghu jostakolawlu l-visjoni tieghu. Huma kienu qed jilghabu hdejn il-garaxxijiet.

Xehed ukoll **Raymond Gatt** li kien ghaddej fit-triq dakinhar tal-incident. Huwa sema' brake fuq iz-zrar tat-triq minn warajh. Kien xi mitt pied 'il boghod bejn wiehed u iehor. Huwa ra l-vann tal-konvenut fin-nofs tat-triq quddiem id-dar ta' Paul Micallef u ra li kien hemm tifel taht il-vann. It-tifel kellu siequ maqbuda taht it-*tyre* tar-rota ta' quddiem tax-xellug tal-vann. Meta l-konvenut nizel mar ifittex taht ir-rota tan-naha tieghu u qal li ra bhal ombra ghaddejja minn quddiem il-bonnet.

In kontro-ezami spjega li hu ma kienx jaf kemm kien twil il-*brake* ghax ma marx ikejjel. L-incident ma rahx u kien il-hoss tal-*brake* li gibidlu l-attenzjoni. Hu qal li fejn waqaf il-konvenut kien hemm trakk ipparkjat. Philip Caruana, il-konvenut, ma kienx il-boghod mit-trakk ipparkjat, waqaf mieghu. Huwa cahad li qal li t-tifel ittajjar ghax qabad u qasam – fil-fatt, hu kien dahru kontra u ma setax jara peress li hu kien miexi ‘l quddiem u l-incident sar warajh. Il-vettura tal-konvenut kienet gejja min-naha tal-lemin. In ri-ezami qal li ma kienx hemm tul ta’ karozza bejn il-vann u t-trakk ipparkjat. Inoltre` qal li fejn gara l-incident it-triq kienet biz-zrar.

Xehed ukoll **Paul Micallef** li joqghod fid-dar ‘Il-Girna’ fl-istess triq tal-incident. Dakinhar sema’ *brake* kbir ta’ karozza, hareg u sab lin-nepputi ma l-art taht il-vann. Hu qal li meta l-konvenut nizel mill-vann huwa beda jfittex taht fuq in-naha tieghu. Hu ha lit-tifel l-isptar bil-karozza tieghu u maghhom mar il-konvenut. Wara li mar id-dar ra t-tkaxkir tat-tyres tal-vann li kienu fin-nofs tat-triq u twal xi 20 pied. Innota illi matul l-ahhar 5 piedi circa tal-marki tat-tyre tax-xellug kien hemm tracci ta’ demm u fl-ahhar kien hemm ghadira demm.

Xehdet ukoll **Antoinette Shah** li effettivament ma ratx l-incident. Hi qalet li t-tifel kien kwazi quddiem il-bieb ta' Paul Micallef. Kien hemm karozza wieqfa fit-triq aktar quddiem il-garaxx milli quddiem il-bieb. Skond

hi, meta kienu l-emergenza l-konvenut qal illi ma ndunax bit-tifel.

Is-**Surgent 754 Mario Buttigieg** esebixxa l-okkorrenza (Dok H) tar-rapport li ghamel. Huwa xehed li l-isketch ghamlu fil-ghaxija wara li mar l-Isptar. It-trakk li qasam minn quddiemu t-tifel kien ghadu hemm. Il-konvenut qallu li hu ma rahx lit-tifel. Xehed ukoll li l-karozza ma sabiex fuq il-lok tal-incident.

**Profs Joseph Briffa** esebixxa Dok G (fol 44 tal-process) u kkonferma l-kontenut tieghu. Huwa spjega x'sab u l-intervent li ghamel fuq il-minuri, kif ukoll xehed dwar id-dizabilita` li sofra Christopher Gatt.

Xehed it-**Tabib Javed Shah** li mar fuq il-post tal-incident meta t-tifel kien diga ttajjar. Huwa sabu ma l'art fit-triq '*opposite the corner between Anthony Aquilina Street and John Zammit Street'*.

**Miriam Gatt**, omm Christopher Gatt, qalet li dakinhar kienet qed tahsel il-hgieg ta' barra. Hi ma ratx x'gara, semghet brake u marret tara x'gara. Il-konvenut qalilha li ma rahx u li sakemm dawwar wiccu hass bhal 'bumm'. Hi xehdet imbaghad dwar id-dizabilita` li ghandu binha. In kontro-ezami qalet li sakemm marret iggib l-ilma allontana ruhu minn hdejha. Il-vann kien gej minn Patri Pelagju Mifsud fid-dritt. Hi

qalet li zgur kien hemm trakk ipparkjat hdejn il-garaxx li kien maghluq. In ri-ezami qalet li t-tifel normalment ma jilaghabx barra; u li t-triq hi biz-zrar.

**Joseph Gatt**, missier l-minuri, kien gewwa fil-hin tal-incident. Meta hareg huwa sab lit-tifel mal-art fit-triq u l-van kien diga' tressaq. Hu ha lit-tifel l-isptar, u qal li l-konvenut kien imur jarah kuljum u dejjem kien jghid li ma rax lit-tifel u laqtu. Hu qal li martu dejjem tiehu hsiebhom lit-tfal. In kontro-ezami xehed li Aquilina Street hija *two-ways*. Inoltre` qal li meta ra lit-tifel kienu diga caqalqu l-vann.

Il-**konvenut Philip Caruana**, qal li kien gej minn wara gurnata xoghol. Huwa xehed li t-tifel hareg vlegga u hariglu fuq in-naha tax-xellug tieghu. Kien hemm trakk ipparkjat fuq in-naha tax-xellug tieghu u t-tifel hareg minn quddiemu. Kien hemm dawk it-tmien/ghaxar piedi l-quddiem it-trakk. Huwa xehed li meta hareg mill-vann hu haseb illi dahal taht il-van pero` Raymond Camilleri qallu li qieghed quddiemu. Harget il-mara ta' Pawlu Micallef tghajjat u Raymond Camilleri qalilha li t-tifel kien hareg.

Rigward il-brake hu qal li t-triq kienet muzrara, u l-karozza ftit jew wisq tkaxkret, pero` l-brake tkejjel minn quddiem sa wara; u kwindi jekk taqta' d-distanza tar-rota minn wara ghall-quddiem il-brake jigi nofsu. Inlotre` meta tkejlu l-*brake marks* hu ma kienx

prezenti. Fuq mistoqsija tal-Qorti huwa qal li t-tifel rah jaqsam – '*rah hiereg vlegga*'. Kien erba'/hames piedi 'l boghod meta rah. Huwa waqaf ghax zamm il-brake u t-tifel tkaxkar mar-rota. Il-hsara li gratlu kienet ghax tkaxkret siequ mar-rota ta' quddiem.

In kontro-ezami qal li d-dawl tal-vann kien fuq id-*dim*. Meta t-tifel hareg hu hareg madwar tmien piedi minn quddiem it-trakk. Huwa rrisponda li t-triq jghaddi minnha ta' spiss. Mit-Triq John Zammit johorgu karozzi u hu qal li hares. Xehed ukoll li kien ghaddej bil-hamsa u ghoxrin. Kien madwar 4 piedi 'l barra mit-trakk.

## (C) APPREZZAMENT TAL-PROVI SABIEX TIGI DETERMINATA R-RESPONSABILITA`

Illi mill-provi kollha prodotti inkluz l-iskizz u l-okkorrenza m'hemmx dubju li l-konvenut Philip Caruana kien miexi normalment u b'mod regolari fl-istess triq sa kemm gie rinfaccjat bil-hrug imprudenti tal-minuri Christopher Gatt minn quddiem it-trakk ipparkjat li b'hekk ikkawzatlu *sudden emergency*. Irrizulta bla ebda dubju anke mix-xhieda tal-minuri nnifsu, li huwa qabad u qasam u l-konvenut anki jekk kien qed izomm *a proper look-out* ma setax jarah. Il-minuri Gatt qal li kien hemm trakk ipparkjat fuq in-naha tal-lemin tieghu u allura ma setax jara fuq dik in-

naha. Kompla wkoll li kien jaqsam it-triq *'u peress li kien hemm dan it-trakk, jiena harist minn wara t-trakk, rajt li ma kienux gejjin karozzi, bdejt nimxi, smajt hoss u laqtitni karozza*'. Dan ifisser li l-minuri l-vann fl-ebda hin ma rah gej, u *di piu`*, qal li kien mexa xi metru distanza mit-trakk ipparkjat.

Dan ukoll hu korroborat mix-xhieda ta' Brandon Micallef li ghalkemm qal li kuginuh hares qabel ma qasam pero` qal ukoll fl-istess xhieda li meta qallu biex jieqaf Christopher Gatt kien qed ihares min-naha l-ohra mhux minn fejn kien gej il-vann li dahal fuq kuginuh. Inoltre` rrizulta wkoll mix-xhieda tal-konvenut Philip Caruana li l-minuri qabad u hareg u l-konvenut ma kellux cans bizzejjed sabiex jieqaf f'hin opportun biex jevita l-incident. Lanqas ma jista' jinghad li kien qed isuq bi *speed* eccessiv, kif gie allegat, ghaliex it-tifel zgur kien jisfa aghar. It-tezi tal-konvenut hija wkoll aktar veritiera peress li hafna xhieda qalu li kif appena dan nizel mill-vettura tieghu huwa mar ifittex taht il-vann u ma kellu l-ebda idea li seta' kien hemm tifel taht ir-rota.

Mill-access li kellha wkoll din il-Qorti fuq il-post tal-incident irrizulta li t-triq mhix daqstant wiesa'. Kwindi bit-trakk ipparkjat, kif it-tifel hareg minn quddiem it-trakk huwa kien diga kwazi jew vicin sew in-nofs tat-triq, u dan ikompli jikkonferma l-konvenut hekk

rinfaccjat f'daqqa b'tifel quddiemu kien kompletament mahsud b'tali azzjoni inaspettata tal-istess minuri.

Illi f'dan l-istadju ghandu jinghad ukoll li l-utent tat-triq u mhux is-sewwieq biss ghandu wkoll l-obbligi tieghu li jrid josserva sabiex ma johloqx periklu lill-utenti l-ohra tat-triq, u fil-fatt irid jipprova li huwa *"used such care for his own safety as is a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances"* **(Gibb para. 127) .**

Illi applikati ghall kaz *de quo* u mill-provi prodotti jirrizulta u jidher li l-minuri Christopher Gatt ma hax il-prekawzjonijiet necessarji qabel ma hareg minn wara t-trakk li kien ipparkjat mal-bankina minn fejn huwa qasam it-triq, u dan billi qabad u hareg minn wara l-istess vettura bla ma esplora it-triq sew bil-konsegwenza li huwa hasad lill-konvenut, li ghalkemm ipprova jevita l-incident huwa xorta ma rnexxilux jaghmel dan, u anke peress li l-istess konvenut sab lill-minuri ezatt quddiemu, b'mod li kien impossibbli ghalih li jirreagixxi u jevita l-istess incident.

Illi huwa ovvju li f'dawn ic-cirkostanzi l-istess minuri Christopher Gatt naqas milli josserva dak li hemm indikat f'pararafu 20 tal-*Highway Code* li jipprovdi li wiehed ghandu jiehu *"extra care if your view is restricted by parked or stationary vehicles or by other obstructions".*

Illi huwa relevanti dak li inghad fis-sentenza **"Rita Calleja vs Joseph Agius"** (P.A.JSP. 5 ta' Ottubru 1995 - Vol. LXXIX.ii.1277) fejn gie riaffermat il-principji li:-

*"Jekk pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun u d-driver li jkun qieghed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subbitaneja minhabba fih, dak id-driver m'ghandux jigi tenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontingenza"* (Vol.XXXIX.iv.1031).

Illi hawn issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti "**Laferla Insurance Agency Ltd pro et noe vs Arthur Grech**" (Cit Nru 1511/97/RCP deciza fid-29 ta' Mejju 2001), fejn giet ikwotata s-sentenza fl-ismijiet **"Paul Deguara vs Raymond Chilton**" – (Appell Civili – 3 ta' Frar 1988 – Vol LXII.II.180) fejn inghad:

"*fil-fehma tal-Qorti bil-manuvra li ghamel … … … ikkreja 'a sudden emergency' lill- (konvenut) li f'dawk ic-cirkostanzi kien gie kostrett jiehu xi xorta ta' 'evasive action' … … … inutili li wiehed joqghod ighid kif imissa rrejagixxiet persuna li kienet involuta f'kollizzjoni meta din tkun giet rinfaccjata b' 'sudden emergency' ikkawzata mill-parti l-ohra. Din hija haga psikologika u mhux kulhadd jirrejagixxi l-istess, fl-istess cirkostanzi*".

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, il-konvenut m'ghandux jinzamm responsabbli ghall-incident li sehh fil-5 ta' Gunju 1995, u ghalhekk lanqas m'ghandu jinzamm responsabbli ghall-konsegwenti danni sofferti mill-atturi.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut **tichad it-talbiet attrici** stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**Onor. Raymond C. Pace LL.D.**
**21 ta' Gunju 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**21 ta' Gunju 2001**